MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Rikors Numru. 603/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu gewwa Malta fit-23 ta’ April tas-sena 1991 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-partijiet huma separati legalment permezz ta’ kuntrtt redatt minn Nutar Dottor Marco Burlo’ fid-29 ta’ Ottubru tas-sena 2009 (Ara Dok D1);

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati legalment ghal dawn l-ahhar erba’ (4) snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-manteniment mahsub ghal Joanne Mifsud huwa regolat permezz tal-artikoli 2 u 3 tal-istess kuntratt, u ghalkemm il-bilanc li ghandu jivversa l-esponenti huwa dovut fid-29 ta’ Ottubru tas-sena 2014 (vide l-ftehim anness mal-istess kuntratt tas-separazzjoni), huwa xort wahda ilu jivversa l-ammont ta’ 500 euro kull xahar, u dan minn Dicembru tas-sena 2010;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha teccepixxi :

Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu u dan ghas-segwenti ragunijiet :

1. Illi t-talba tar-rikorrenti ghall-hall taz-zwieg ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dana ghaliex ir-rikorrenti ma hallasx il-manteniment dovut lill-esponenti, skond kif miftiehem fil-kuntratt ta’ separazzjoni personali ta’ bejn il-partijiet tad-29 ta’ Ottubru 2009;
2. Illi l-esponenti qeghda ghalhekk tikkontesta t-talba tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 66D (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dana ghaliex kemm-il darba t-talba ghad-divorzju tintlaqa’, ser tkun aktar difficli ghall-istess esponenti illi tikseb il-hlas tal-manteniment;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Jannar, 2014;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi inizjalment l-intimata kienet qeghda topponi ghal dan ir-rikors, izda sussegwentement u kif irrizulta mix-xhieda taghha hija irtirata l-opposizzjoni taghha peress illi intlahaq ftehim mar-rikorrenti dwar il-hlas ta’ manteniment dovut lilha;

Ghaldaqstant il-Qorti rat illi irrizulta illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Ottubru tas-sena 2009;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------